# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Kumpilazzjoni Nru 497/17/YMS

Pulizija

(Superintendent James Grech )

Vs

Artan Coku

Illum 14 ta' Frar 2023

Il-Qorti

Rat li l-imputat Artan Coku ta` 25 sena bin Artan u Adriana nee' Reci, imwieled nhar it-18 ta' Lulju 1992 gewwa l-Albanija resident 76,

Telghet Gwardamanga Pieta’ u detentur ta’ karta ta` l-identita bin-numru 0055278A tressaq quddiemha akkuzat talli nhar il-5 ta Ottubru 2017 ghal habta tal-10.00 hrs u /jew fil-jiem u gimghat ta’ qabel gewwa tas-Sliema u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer:-

1. B’xi mod li jkun, xjentement ghen jew asista lill-awtur jew lill-awturi ta’ delitt ta serq ikkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz u bil-Valur li jeccedi l-ammont ta’ elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37) fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jerw ikkunsmat.
2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi assocja ruhu ma xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f’Malta li ghalih hemm il-piena ta` prigunerija u cioe` serq ikkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz u bil-Valur li jeccedi l-ammont ta’ elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

Rat illi fit- 3 ta Novembru 2017 l-ufficjal Prosekutur qara u ikkonferma bil-gurament l-akkuzi migjuba kontra l-imputat u l-imputat iwiegeb li mhux hati ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih waqt l-ezami.

Rat li fit-8 ta Novembru 2017 Classic Group Limited ikkostitwiet ruhha bhala parti civili.

Rat l-Ordni ta’l-Avukat Generali tal-25 ta’ Frar 2022 ai termini tal artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali sabiex l-imputat jigi gudikat minn din il-Qorti stante li mill-kumpilazzjoni tista’ tinstab htija ( jew htijiet) at termini tal- Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta); 42 (d), 261 (a) (b) (c), 262 (1) (a) (b), 262 (1) (a) (b), 264 (1), 267, 275, 276, 277 (b), 278, 279 (b), 280 (2) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta); u, 48A, 261(a) (b) (c), 262 (1) (a) (b), 263 (a) (b), 264(1), 267, 275, 276, 277 (b), 278, 279 (b), 280 (2) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputat waqt l-udjenza tal-25 ta' Jannar 2022 jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu tratti u decizi bil-procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali.

Rat li waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2022, l-istess Imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u wara li din l-Onorabbli Qorti fissritlu xi tfisser tali ammissjoni u wara li kkonsulta mal-konsulent legali tieghu kif ukoll wara li nghata zmien biex jikkunsidra il-pozizzjoni tieghu, ikkonferma l-ammissjoni tieghu ai termini tal-Art 392A tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza kienet differita illum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**L-ispettur Marc Mercieca** fl-14 ta Novembru 2017 xehed in succinct dwar l-investigazzjoni dwar l-hold up li sehhet fil-5 ta' Ottubru 2017 gewwa d-Diamonds International gewwa The Point Sliema. Hu mar immedjatament fuq il-post fejn kien hemm diversi kollegi minn setturi diversi tal-Pulizija u fil-fond imsemmi kien hemm hsara estensiva kif ukoll persuni midruba.

Is-sidien tal-istabbiliment stqarru li kienu ittiehdu diversi oggetti ta` valur u hu kien informa b'dan lill-Magistrat tal-ghassa Dr Neville Camilleri. Inhattru diversi esperti sabiex jassistu fl-investigazzjonijet. Gie stabbilit ukoll li l-vettura KAK 953 li giet misjuba go Triq il-Madonna ta' L-Gebla Gzira intuzat biex l-malviventi jitilqu mill-fond *de quo*. Instabet ukoll l- Quad bike LQZ 827 go Triq Matthew Pulis

Sliema li kienet ukoll involuta. Minhabba stharrig ulterjuri intalab mandat ta' arrest u tficcija ghal Daniel Muka u Batesh Muka. Fid-9 ta' Ottubru 2017 instabu fil-gnien ta' wara l-OK Limited il-Gzira diversi kaxxi ta' l-gojjelli vojta u anki hwejjeg imcapsin bid-demm u parrokki u diversi basktijiet mimlija foil. George Spiteri ta' l-kumpanija Grants Limited infurmah li certu Artan Coku kien kera appartament go High End Flat 79, Triq Edgar Bernard, Gzira u mieghu kellu imur jghix Daniel Muka.

Hu mar go l-appartament imsemmi li kien vojt. Artan Coku kien informa lil Grants Limited li kien ser jivvaka l-appartament. Fit 12 ta' Ottubru 2017. Gew arrestati Daniel Muka u Artan Coku wara incident li sehh gewwa Paceville. Fl-14 ta' Ottubru 2017 gie mitkellem minnu u l-Ispettur Carlos Cordina, Artan Coku li spjega l-involviment tieghu u ghen lil pulizija sabiex jinstab senter li intuza fl-incident. Gie mitkellem tlett darbiet fejn spjega l-involviment tieghu. Hu gharaf lill-Artan Coku bhala l-imputat. L-istqarrija imsemmija ittiehdu wara li inghataw d-drittijiet legali u kollox gie mehud b'audio visual. Eventwalment l-imputat taghha l-kooperazzjoni shiha fl-investigazzjoni. Kien hemm tlett stqarrijiet. Tal-14 ta' Ottubru 2017 ittiehdet mill-Ispettur Carlos Cordina , t-tieni stqarrija tal-5 ta' Ottubru 2017 mix-xhud stess u l-Ispettur Carlos Cordina . L-Interragozzjoni tat-2 ta' Novembru 2017 ittiehdet mill-Ispettur Carlos Cordina u x-xhud. L-interrogazzjonijiet ittiehdu kollha gol-kamra 111. Hemm zewg DVDs rigwardanti l-ewwel stqarrija li kienet twila hafna u b`hekk jezistu 4 DVDs.
Ix-xhud ezebixxa Dok MM li jikkonsisti f'tlett dokumenti fejn gharaf il-firem fuq l-istess rifjut ta' parir legali u Dok MM1 erba' dokumenti dwar Police Bail. Ezebixxa d-DVD's tal-interrogazzjonijet bhala Dok MM2 A u B MM3 u MM4.

Ezebixxa ukoll Dok MM5 talba ghal informazzjoni minghand W J Coppini Dok MM6 minghand Virtu Ferries. Dok M7 hi stima ta' l-hsarat ta' l-istabbiliment Diamonds International. Total ghaxart elef u

hames mitt euro (10,500) Kif ukoll valur tal-affarijiet li insterqu b’total ta Euro tlett mija u tieta u tletin elf erba’ mija u disgha u disghin u disgha u tletin centezmu (333,499.39 )Dok MM8 u MM9 jirrigwardaw l-kirja ta’ Artan Coku u Dok MM 10 ricevuti Dok MM11 *card* ta’ l-Fair Play, karta tar-residenza tal-imputat dok MM12 Rapport tal-Pulizija Dok MM14.

In Kontro ezami ix-xhud ikkonferma li mill-filmati li ra s’issa hu tal-incident ma jidhirx l-imputat.

Rat li fis- 6 ta’ Frar 2018 xehed **Dr Lennox Vella** li fejn ezebixxa Dok LV1, LV2 u LV3 li kienu traskrizzjoni tieghu tat-tlett stqarrijiet moghtija minn Artan Coku u li r-*recording* taghhom gew ezebiti bhala dok MM2 A MM2B Mm3 u MM4.

L-Qorti rat l-ewwel stqarrija ta’ **Artan Coku** datat 14 ta’ Ottubru 2017 mehuda fil-presenza taL-Ispettur Carlos Cordina u l-Ispettur Mark Mercieca.

L-imputat ghazel li ma jikkonsultax avukat. In succint l-ewwel tkellem dwar incident fejn kien Paceville ma` Daniel Muka. Hu beda jghid li kien jiltaqa’ regolarment ma` Daniel Muka qabel dan l-incident Paceville u skanta b’dan l-incident ghax kien l-ewwel darba li rah aggressiv. Kienu jitkellmu fuq il-hajja ta’ l-imputat u li Daniel Muka offra li jghinu isib ix-xoghol go supermarket billi isaqsi lil xi hbieb tieghu. Kien iltaqa ma` Daniel Muka l-ewwel darba xi tlett xhur qabel Paceville u kienu ma` grupp ta` Albanizi. Kien jaf li Daniel Muka kien joqghod appartament hdejn il-KFC ta’ l-Gzira ghax darba kien wrieh fejn joqghod u ukoll dahal fih. Innega li kien bhala pjacir li Daniel Muka kera xi post jew xi karozza. Imbaghad stqarr li kienu ser jikru flimkien .Izda dan ma sehhx. Hu kera flat wahdu li l-indirizz ma jafux. Hdejn il-*swimming pool*. Qal li qabel kien qalilhom li qatt ma kera

post ghax mbeza. Qal li dan l-appartament m'ghadux joqghod fih. Krieh xi xahar qabel imma imbaghad hassar il-kirja. L-ewwel kien ser jikrih ma Muka imbaghad le u ghalhekk hassar il-kirja. Daniel Muka kien dahhlu fl-ispiza tal-kirja ghal xejn. Iddispjecieh li hela l-flus. Kellu flus il-bank u issa ma fadallu xejn. F'dan il-*flat* ghex biss hu u ghal inqas minn xahar. L-Ispettur Carlos Cordin sahhah hafna fuq il-fatt li Daniel Muka dahhal lill-imputat fi spiza ghal Euro 800 ghal xejn peress li Daniel Muka qatt ma ghex fil-flat u l-imputat kellu jitlaq. U dan wara hbiberija ta' xahrejn. Stqarr li Daniel Muka fottieh u li ma kellux relazzjoni sesswali mieghu. Kien gieli mar ma Daniel Muka jiehu xi cafe' Gzira, Tas-Sliema jew The Point. Ma kienx jaf minn fejn kien igib il-flus Daniel Muka. Kien gieli kera xi taxi permezz ta' Taxify meta kien ma Daniel Muka. Kellu mobile gdid u l-antik kien remih. Imbaghad qal li tah lil xi hadd. Ta l-mobile antik tieghu lil Daniel Muka biex joqghod jilghab. Il-mobile kien tajjeb izda jehel imma xorta mar jixtri mobile ta' Euro 450. Hu stqarr li l-flus baghthomlu huh minn Wales. Rega ikkonferma li gol *flat* kien joqghod hu biss. Kien imur jorqod biss. Hu kien hallas Euro 900 u mhux Euro 800 ghall-kirja. Qatt ma iltaqa ma hu Daniel Muka. Hu innega li kien jaf li li certu Hysa. Kien jaf li wiehed Lorenzo Albaniz. Hu ma kellux ghalfejn jibza' minn Daniel Muka. Hu jibza' minnu biss ghax hareg il-pistola. Fuq il-Euro 900 qal li ser itieghomlu imma qatt ma taghhomlu. Rega tenna li ma jaf xejn fuq Daniel Muka oltre dak li diga stqarr. Kien rah darba li hu Daniel Muka. Qatt ma mar jikri xi karozza bajda jew mutur ghal Daniel Muka. Finalment stqar li Hysa, Daniel u Bektash kien qed jiftehmu fuq il-hold-up, dak li gara tas-Sliema, The Point fuq Diamonds International. Hu ma kellux x'jaqsam ma dan il-hold up. Daniel Muka kien qallu fuq id-dar biex jistahba fiha izda ma gie xejn hemm wara. Daniel Muka kien qallu fuq il-hold up ta' Diamonds International ta' Tigne. Jahseb li Daniel wegga fil-hold up, subajh. Weggha idejh meta beda jiehu l-affarijiet. Daniel qallu dan id-diskors . Ma jafx kienx armat. Ramazan qallu li ser jikri karozza. Din il-karozza kien ser jikriha ghax kellu bzonnha Daniel u ma qalx ghalfejn

kera l-karozza. Hu stqar li ma kellux x'jaqsam mas-serqa. Kien jaf li ser issir is-serqa gimgha qabel ghax qallu. Is-somma ta' Euro elf u tmin mija tal-kirja (1,800) harighom, Daniel Muka . Hu ma hareg xejn. Lil Daniel Muka kellem jumejn wara u u qallu li kienu ghamluha. Kien qed jirreferi ghall hold-up. Hu ammetta li kien jaf li ser tintuza arma fil-hold-up. Sa fejn kien jaf hu ma kienu ghadhom bieghu xejn. Lil huh kien rah darba wara s-serqa Santa Venera. Daniel Muka darba qallu li kien nizzel id-droga f'xi karozza. Kien qallu ukoll li gieli seraq mid-djar gol-Italja.Wara s-serqa Daniel Muka wrieh arlogg. Ta valur ta' xi four thousand (4,000) jew three thousand (3,000). Hu stqarr li jahseb li Daniel Muka tefa hwejjeg go l-ghalqa vicin l-appartament li kellu l-Gzira. Kien mieghu meta tefa' l-affarijiet.Il-hwejjeg jahseb li kienu ta` Daniel Muka u ta` huh tal-hold-up. Kien mar jiltaqa ma` Daniel Muka fil-flat li kien kera u l- hwejjeg Muka kien ghamilhom go garbage bag. Hu kien jahseb li l-shotgun li intuza kien fil-basket bil-foil tal-Lidl. Hu kien jahseb li ls-shotgun kien ghadu fil-foil. Kien ra lil Daniel Muka ipoggi s-shotgun fil-basket tal-Lidl. Fuq mistoqsija tal-Ispettur Mark Mercieca dwar il-kaxxi tad-deheb stqall li tefa' kollox hemm gewwa. Fuq domanda ta' l-Ispettur Mark Mercica dwar x'kienu ser jaghtuh, l-imputat wiegeb li haseb li ser ituh flus. Fuq domandi tal-Ispettur Mark Mercieca dwar fejn kien waqt is-serqa wiegeb stqarr li kien qieghed isfel Tigne, l`isfel fit-tarag. Hu mar fuq il-post u telaq b'tal-linja u ma kienx fil-karozza ma` l-ohrajn. Xoghlu kien jiccekja jekk hemmx nies. Hu qatt ma dahal gol-hanut, ma rahx is-serqa issir. Kien baghtu qabel f'xi disgha u nofs (9:30) jekk kienx miftuh jew le. Kien miftuh. Hu innega li ikkomunika b'xi mod mieghu wara li kien fuq il-post fil-09.30am Meta tela kien diga sar li ghamel hu . Hu ra l-hanut miftuh u telaq 'l hemm. Ma rahomx dehlin u ma jafx fejn ipparkjaw. Hu kellu jinzel wara li jara jekk il-post kienx miftuh u jarhom ghaddejjin bil-karozza u jaghmlilhom sinjal (dan fit-triq fejn taghddi tal-linja). Imbaghad rega tela u kienu diga ghamlu l-hold-up. Hu ra kollox imkisser. Meta tela kienu xi l-ghaxra u kwart(10.15 am). Hu iltaqa ma "Daniel" filghaxija

tard Ta'Xbiex fejn kien indikalu l-Ispettur Mark Mercieca. Gurnata wara mar id-dar tieghu u rahha d-djamanti go basket. Baskett qishu tal-isports jahseb iswed. Imbaghad l-iehor tefaghhom go basket iehor u rabathom u zammhom l-iehor . Fil-basket l-iswed imbaghad tefa' l- holders ta' l-arlogg u d-djamanti. Ma kienx jaf kemm kien ser itih flus. Semmieghlu li ser itih xi haga imma ma qalx kemm. Jahseb li l-arma intefet fil-foil minhabba l-GPS. Meta dahlu d-dar dawru L-affarijiet misruqa gol foil minhabba l-GPS. Xi alarm. Imbaghad qal li kienu ghamluhom gol foil gol karozza. L-imputat stqarr li haseb li s-serqa kienet ilha ippjanata fuq sitt (6) xhur, sena (1). Kien qed jippjana kollox "Daniel" wahdu. Huh dahal fl-ahhar. Kien qallu biss li qed jippjana serqa. Kien qallu li ser jisraq id-djamanti ta' Diamonds International. Kien qallu recentemnet li ser ikollu sehmu. Meta gew id-dar dawru l-basket l-iswed bil-foil. Imbaghad kien, gabhom id-dar fejn fetahhom u tefaghhom go basket, ghalaqhom, qisu basket isfar. Kien zammhom Daniel u ma jafx x'ghamel bihom. Taghhom li huh Bektash. Hu ma kienx involut fil-pjanijiet tal-hold up. Kien lejliet biss li gie infurmat li kellu imur filghodu u jiccekja. Jaf li intuzaw il-parrokki u zebghu wicchom ghax kien ra bott. Jahseb tal-karnival. Jahseb li kellhom slippers suwed. Kien jaf li l-hold-up kellu isir filghodu izda ma jafx x'hin. Kellu jaghmel sinjal b'ghajnejh meta jarhom fil-karozza li kien jindika li l-post miftugh. Kien jaf li saret is-serqa ghax kien ra il-hgieg miksur. Kien jaf li bejn wiehed u iehor is-serqa ser tkun fl-ghaxra (10.00am). Qallu Daniel. Hysa kien jaf li ser issir is-serqa. Hu kien kera il-karozza u telaq. Kien jaf li ser issir is-serqa. Kien jaf aktar minnu dwar is-serqa. Kien jaf li l-affarijiet kellhom jitilqu barra minn Malta wara li issir is-serqa u ser imorru L-Italja, jahseb Bari. Id-Diamonds International ta' The Point qalulu li intghazel ghax kellu aktar oggetti x'jinsterqu. Kienu poggew tlett basktijiet suwed u l-basket gol ghalqa u ma poggew xejn bnadi ohra.

L-Qorti rat t-tieni Stqarrija ta' **Artan Coku** datat 15 ta' Ottubru 2017 mehuda fil-presenza tal-Ispettur Carlos Cordina u l-Ispettur Mark Mercica. Limputat ghazel li ma jikkonsultax avukat.

Artan Coku in succint mar id-Depot tal-Pulizija sabiex jghid xi haga gdida fuq il-hold-up ta' Tigne' Fit-tmienja u nofs (08.30 am) tad-data tas-serqa kien gewwa ma Daniel u Bektesh gol flat fejn kien u jghixu Empire il-Gzira flat nru eleven (11). Kien qed ilestu, jilbsu ghas serqa, parrokka, hwejjeg, make-up. Daniel kien qallu imur jiccekja Tigne' kienx miftuh. Kienu xi ghaxra neqsin kwart (9.45), disgha u nofs (9.30). Mar b'tal-linja. Kien mar b'tal-linja biex ihaffef. Hu qatt ma kellu imur bil-karozza maghhom. Wara li tela u ra li kien miftuh, nizel ma rahomx, rega tela u kienet diga saret l-affari. Ra il-hgieg imkisser u persuna ma l-art . Il-hgieg kien ta' fejn kien hemm l-affarijiet. Wasal b'tal- linja hdejn Zara u mexa minn hemm. Meta tela ra persuna ma l-art fil-bieb ta' Diamonds International. Kien hemm il-Pulizija. Wara telaq lejn id-dar normali. Fejn jghix. Pieta' /Gwardamangia. Wara kien mar il-flat il-gdid ghax Daniel hekk kien qallu. Dan Living House appartment 70 It tielet sular fejn il-complex tal-swimming pool. Ikkonferma li kien qed jirreferi ghal Tal-Qroqq, il-pixxina nazzjonali. Daniel kien jghidlu kollox. Kien qallu biex imur hemm qabel ma saret filghodu. Biex jistennih hemm. Ma kienx hemm komunikazzjoni bil-mobile. Kien mar bil-mixi. Gab garbage bag u basket mieghu. Il-basket kien fih arloggi, deheb u affarijiet simili u l-garbage bag il-hwejjeg, parrokki li libsu ghas-serqa. B'ghajnejh ra parrokki , jeansijiet, flokk iswed .Daniel kien qallu li kien hemm id-deheb. Il-gojjelli kienu go baskel iswed li imbaghad tefa go basket tad-drapp isfar tal-Convenience. Marru wara jiltaqaw ma` huh McDonalds tal-Airport. Kien ta' l-affarijiet lil huh gol-McDonald's tal-Airport. Hu kien cempel ghal Taxi biex imorru ghall-airport. Hallas Daniel. Kienu dahlu fil- parti tal-McDonalds fejn hemm il-pompa tal-petrol. Damu gewwa xi hames minuti u Daniel kien ingabar gol-flat u raqad sa

filghaxija. X'ghamel hu Daniel  ma jafx.  Ma kellux aktar kuntatt. Bektash kien mat-tfajla. It-tfajla jisimha Rodina. Xaghrha safra naqra imbacca. Kienet itwal minnu (imputat). Hu twil one six five (165). Kienet twila forsi daqs l-Ispettur Mark Mercieca.Mill-ispalla.  Hu kien ma` Daniel waqt li kien rieqed ghax hekk talbu.  Kien telaq filghodu ma jafx ghal fejn.  Fil-gurnata tas-serqa Daniel u Bektash kienu ecitati.  L-imputat ilu jghix Malta 19-il sena u jifhem sew bil-Malti.  L-ipmutat indika li jaf li dak kollu li qed jghid jista' jintuza kontrih b'proceduri fil-Qorti imma ikkonferma li hadd ma kien qed jisfurzah biex jitkellem.  Hu kien rega gie sabiex jigi interrogat peress li kienu wegghu in-nies.  Kien ukoll minhabba kif kien irrejagixxa mieghu meta qabduh Paceville fejn il-bajja ta' San Giljan fuq il-kaz li tressaq il-Qorti ukoll.  Kien mar ma huh [hu Daniel]  il-Gnien il-Gzira hdejn l-OK jitfa l-garbage bag bil- parrokka u flokk iswed u jeans.  Faccata l-istadium l-antik. Go ghalqa xi hames metri 'il boghod mill-OK. Mhux 'il boghod mill-flat il-gdid li qaghdu go fih.  Dahlu mit-triq. Kien hemm tarag zghir, xi tlett targiet.  Kienu diga jafu bil-post.  Kienu jghaddu minn hemm meta gabu l-flat il-gdid.  Kienet ideja ta' Daniel biex imorru jahbu l-affarijiet hemm. Biex jahbu t-tracci.  Hbewhom hdejn sigra. U qisu five(5), twenty (20) meters naqra aktar 'il  boghod hbew l-arma, is-shotgun.  Kien qallu biex jahbi is-shotgun aktar 'il- boghod biex aktar il-quddiem jerga jiehdu.  Kien qallu biex imur jiccekja l-post fejn saret is-serqa qallu iva  imma ma kienx mar.  Sussegwentement qal li ma kienx baghtu.  Kienu ghazlu id-Diamonds International ta' Tigne ghax aktar facli u kellhom aktar affarijiet.  Ma kellux dwar il-valur tal-affarijiet qabel ma saret is-serqa.   Kien facli biex jisraq. Kien studja it-triq sew. L-affarijiet kienu arloggi, jewelleries li jiswew aktar. Li hemm aktar flus minn postijiet ohra. Kien qallu li ser ibieghhom. Gol-Albanija jew l-Italja. Kien ser jahbihom gol-mobiles.

Il-rwol tieghu kien biex jghinu wara li lesta. Ikollu bzonn xi karozza jew biex jibghatu per ezampju jigbed xi flus , joqghod war jiccekja hux gejjin Pulizija. Qabel is-serqa hu ma kellux rwol fil-pjan tas-serqa.

Kien jghin. Fil-gurnata tas-serqa kellu biss jara jekk kienx miftuh. Ramazan kellu jahbi l-karozza. Fuq quad bike ma jafx. Kienu tkellmu fuq mutur imma Il-mutur ma intuzax. Krieh Ramazan. Kellu jintuza biex jaharbu bih. Ma jafx ghaliex ma intuzax. Daniel kien qallu li kien hu li spara fil-hanut. Kien spara huh ukoll kien qallu u li hu stess kellu is-shotgun u huh l-pistola. Spara ghax s-security ma kienx intefa ma` l-art mal-ewwel. U qallu ukoll li kien laqtu. Huh kien spara biex ibezzgha, biex jinzlu ma` l-art. Dan kollox skond kif qallu Daniel. Marru l-airport dik in-nhar filghaxija ghax kien qallu li aktar safe. Skond il-fehma tieghu it-tfajla kienet ghadha hawn Malta , kif ukoll Bektash u li ghadha mieghu . Hekk kien qallu u li kienu go caravan. Ghax meta jikruh ma kienx hemm bzonn ID card. Daniel ma jafx il-mobile tieghu ghax kien ibiddilhom spiss. Kien mar hu xi darbtejn biex jixtrihomlu. Dejjem tal-Vodafone. Kif kien jghidlu hu. Hu kien qallu li saret is-serqa ghax kien hemm hafna djun tal-familja tieghu. Kien qallu li kien hemm nies jistennew biex joqtlulu l-familja l-Albanija. Hawn Malta ma kellux problemi man-nies. Kellu kwistjoni ma xi gharab hawn Malta fuq nuqqas ta’ hlas ta’ haxixa. L-Gharbi ma kienx hallas lil Daniel. Jaf li Daniel kien izomm l-arma li kellu biex ikun safe. Dak in-nhar tal-arrest ta’ Paceville ma kienx jaf li kellu l-pistola imma kien qallu li izommha biex ikun safe qabel. Kien ihossu komdu ma` Daniel kienu hbieb tajba. Kien jahseb li ser jipprotegih. Kien itih xi flus izda qatt ma talbu. Kien itih minn jeddu. Bektesh kien wehel xi habs l-Albanija. Daniel kien qallu li kien jisraq l-Italja fid-djar. Qabel kien ibiegh id-droga Malta. Kien igibha hu jahseb mill-Albanija. Kien waqaf ghax ghamel din il-bicca xoghol. Skond hu kien is-serqa ghamilha minhabba d-dejn u wara jerga igib. Kien qed jiffoka biex inehhi l-gojjeli.

Kien lest li jixhed dan kollu fil-proceduri kontra Daniel Muka u fil-presenza tieghu u jghid il-verita’. Il-pistola qatt ma thalliet go l-ghalqa. Zamm il-pistola ghax handy. Jaf li insterqu, djamanti, arolggi

u crieket. Hu ma ha xejn minn dak li insteraq. Lanqas flus.  Sa fejn jaf hu Daniel u Baktesh ghadhom ma uzawhomx.  Urieh arlogg. Kellu sticker.  Qieshu ilsien. U urijulhu biex jara kemm hu sabih.  Fuq valur l-ewwel qallu fuq xi two hundred thousand (200,000) qalli anke five hundred thousand (5000,000).  Valur tal-hanut u mhux kemm kien ser ibieghu. Apparti l-arlogg ra djamanti imwahhlin ma` per ezempju arloggi, crieket, msielet. Kien jaf li djamanti ghal qallu. Hu fil-fatt ra arloggi, crieket u msielet ghax fid-djamanti ma jifhimx.  Ghalih kellhom id-djamanti.  Qatt ma iccappas ma` xi kaz mal-Pulizija. Qallhu li wara li jghaddi kollox jiehu sehmu.  Ma semmielu l-ebda ammont. Ma qallu hu xejn fuq lil min ser ibigh.  Hu jahseb li d-deheb qieghed fuq it-tfajla ta' Bektash peress li tfajla ma tigiex fil-ghajn.  Id-deheb zammu Bektash. Ma jafx x'sar aktar.

Ma jafx lil min kellhom ibieghuh. Ma Bektash iltaqa bis- Santa Venera Pascucci u l-airport. Ma jafx fejn mar jorqod Daniel wara il- gurnata tas-serqa.  Bektash kien ilu zgur xi xahar Malta.  Daniel kien ilu Malta. Ma jafx ghaliex iltaqaw Santa Venera.  Kien iltaqa l-ewwel darba ma Daniel il-Pjazza Bugibba. Kienu kalmi il-gurnata tas-serqa.  Kienu hadulu b'idejh biex hekk jispicca l-habs ikunu qalu goodbye.  Bhal hbieb. Jahseb li ippjana kollox Daniel . Daniel kien jahdem qabel go hotel u ma` Estate Agent. Kien gie Malta ghax-xoghol u mhux biex jippjana serqa. Skond kif qallu.  Kien jikri d-djar.  Wara li gie beda ibiegh id-droga.  Kien qallu li l-flus li kien jaqla' mid-droga jibghathom l-Albanija.  Jew bil-posta, jew ma min jiltaqa' biex itihom lil missier Daniel.  Kien jibghat bil-Western Union.  Hu qatt ma ghamel dan. Ikkonferma li gie minn jeddu jaghmel l-istqarrija u hadd ma sfurzah.

L-Qorti rat t-tielet Stqarrija ta' **Artan Coku** datat 2 ta' Novembru 2017 mehuda fil-presenza taL-Ispettur Carlos Cordina u l-Ispettur Mark Mercica. L-imputat ghazel li ma jikkonsultax avukat.

Qal li hu kien gie minn jeddu. Hadt ma kien avvicinah waqt li kien bil-Police Bail.  Hu stqarr li kien qal dak kollu li kien jaf fuq il-kaz. Lil Hysa Ramazan jaf hu darbtejn li gie Malta. Xi xahrejn qabel u fil-kaz tal-hold-up.  Ma ircieva l-ebda flus minghandu. L-Ispettur Cordina qal li ghandu dokument fejn Hysa Ramazan baghat flus mill-Italja u li gabarhom l-imputat.  Nine hundred fifty-nine(€959) u ingabru minghand Coppini l-Belt fit-tnejn (2) ta' Awissu tas-sena korrenti.  L-imputat stqarr li gabbar xi flus imma ma jiftakarx. Gieli kien jircievi flus.  Hu qal li orrajt imma nesa ghax Daniel kien spiss jibghatu biex jigbor il-flus.  Kien jibghat il-flus ghalih ukoll.  Western Union.  Izda ma jiftakarx li kien mar f'Awissu ghand Coppini.  Hu qatt ma talab li Ramazan biex jibghatlhu l-flus.Kien jigbor il-flus ghax jghidlu Daniel. Kien imur u jiehu l-I D card mieghu.  Kien jibghatlu l-isem b' messagg ta' min kien ser jibghatlu l-flus. Per ezempju Ramazan.  Veru li Ramazan baghat il-flus u mar jigborhom imma ma kienux ghalih. Qatt ma gabar flus minghand Ramazan ghax talabhomlu hu. Ghalih personali kien jibghat ghand ommu jew iz-ziju.  Kien jibghatlu n-numru tat-tranzazzjoni b'messagg.  Daniel kien jibghatu jigbor il-flus li kien jibghathomlu Hysa u hu kien ikun jaf fl-ahhar.  Kien Hsya jibghat il-flus f'isem l-imputat.  Kien isir ftehim minn qabel biex jibghat il-flus f'isem min kien ser jigbor il-flus. Daniel kien jaghmel il-ftehim ma` Hysa. Hu kien jaf li ser jinghata ismu, kunjomu u iD card tieghu. Ma kienx ikun jaf ghal xiex ikunu il-flus.  Il-flus propjament kien jigu minn Bektash li kien l-Italja ukoll. Jibghat il-flus lil huh. Daniel kien qallu li tilef il-passaport u  qatt ma ghamel wiehed gdid ghax baqa` Malta.  Ma jafx fejn kien jahdem Bektash, jaf li kellhom business l-Albanija, Tirana. Rent Cars. Hu ra ritratti tal-karozzi. Mir-ritratti ma setax ikun jaf il-post fejn kien il-business. Ma kienx jaf x'jisimha l-kumpanija.  Ramazan kien jigi Malta biex igib il-haxixa ghan-nom ta` Daniel Muka. Kien jahdem ghal Daniel Muka biex igib id-droga ghal hawn Malta u dejjem haxixa gab. L-ewwel darba li gie gie bil-haversack wara dahru bil-haxixa. Kien ra l-haxixa. Kien hemm xi eight (8) kilos. Ramazan il-Funky Monkey kien qallu li kien inkwetat

ghax Daniel ma kienx hallsu tat-trasport ghad-droga. Kien l-ewwel darba li rah. It-tieni darba kienet tal-hold-up.  Kien ser jikri il-karozza ghal Daniel u ghal Bektash.  Kien tah il-flus biex jikri Daniel.  Daniel kien qallu fuq id-droga u l-karozza. Daniel kien aktar hbieb ma` Ramazan milli mal-imputat u meta telaq Ramazan sar hbieb ma' Daniel . Meta darba iltaqa ma Ramazan, Daniel kien qallu biex ma jitkellmux fuq ix-xoghol  izda hu kien saqsieh ghax ser jahdmu bhal grupp.

Daniel id-droga kien ibieghha. Ma jafx lil min.  Kien ibiegh id-droga bicca , bicca. Daqqa kilo, daqqa grams.  Kellu l-klijenti u n-nies jghinuh ibiegh id-droga. Wiehed kien Lorenzo. Lorenzo kien parti mic-cirku aktar milli jghin. Daniel kien tah xi ammont ta' flus.  Daniel kellu xi problema ta' glied ma` xi Maltin u Lorenzo ma kienx ghenu u imbaghad daqshekk.  Xi tlett ijiem qabel kien saqsa lil omm l-imputat fuqhu. Is-Sinjura Portelli.  Hu ma ltaqghax mieghu.  Lorenzo ma kellimx direttament lis-Sinjura Portelli. Halla risposta mas-spizjara.  Ma tantx kien johrog. Waqaf jahdem minhabba l-working permit.  Lorenzo kien jaf lil Joan il-konslu minhabba xi working permit.  Lorenzo din id-darba biss li gie jistaqsi ghalih. Lorenzo ma riedx jinkixef. Haseb li kellu x'jahbi.  Daniel kien kellem lil Lorenzo fuq is-serqa. Kien mar ikellem lil Lorenzo fuq xi flat ghal Bektash. Hu kien jahseb li Bektash kien ghadu Malta.  Minhabba d-DNA li kien halla warajh fis-serqa.  Gurnata qabel ma arrestaw lil Daniel , Daniel kien ta` xi flus lil huh.  Kien hu li mar jigbidlu xi flus.  Mill-Western Union Paceville.  Min baghathomlu kellu messagg fuq il-mobile.  Kien gibed fuq xi eight hundred (800) u kien taghhom lil Daniel.   Dak in-nhar kien iltaqa` mieghu rega` u gara l-istorja tal-Pulizija Paceville.  Jahseb li lill-Lorenzo kien qed jghidlu li qed jippjana s-serqa.  Daniel kien ta` lil Lorenzo ten thousand (10,000) fuq bejgh ta' droga. Kien wrieh ritratt.  Ma jafx jekk Lorenzo kellu xi parti mill-oggetti misruqa.  Daniel kien mar wara s-serqa jitlob ghajnuna lil Lorenzo biex isiblu xi post ghal huh.  Lil Rudina kien hadha ftit wara l-hold up tikri

appartament. Rahha darbtejn b'kollox.  Darba tal-kiri u darba ohra Paceville.  Skond David mill-Macedonia.  Skond huma gharusa ta' Bektash. Minn Wales, baghtlu flus step-brother u Wendy.  Kien seven hundred (700) u sixty two (0.62) cents.  Kien nehha l-business minhabba t-taxxi.  Jaf lil missier Daniel.  Li kien qallu li missieru kien iqabbdu jisraq u d-drogi. Kien jiehu pjacir jara it-tfal tieghu ituh il-flus.  Daniel kien jitkellem ma missieru u mhux ma` ommu li kienet marida skond Daniel.  L-imputat kien jaf bis-serqa.  Kien hadem maghhom u r-rwol tieghu kien li jmur jiccekja.  Ma issemmietx is-somma li kellu jiehu izda jippretendi fifty thousand (€50,000).  Talli mar jiccekja u talli krielhom il-flat. Ma kienx jaf li qed jippretendi dak l-ammont.  Kieku ma inqabadx Daniel u ma kienx  itieh kif suppost kien icempel l-Albanija. Kien icempel lin-nannu tieghu biex ikun jaf fuq din l-istorja.  Jekk mhux bil-kelma t-tajba bil-hazin ghax dawn affarijiet ta` habs.  In-nannu kien ikellem lil missier Daniel .Daniel kien ser jaghti l-flus lill-imputat. L-Albanija hemm tradizzjoni li jekk ma` jiftehmux iz-zaghzagh jitkellmu jindahhlu l-missirijiet jew nanniet.  Lorenzo  kien jaf li ser issir is-serqa u hu kixifhom mal-Pulizija. L-gojjelli kienu ser jibghatuhom l-Albanija .Daniel ma kienx imur jorqod ghand Bektash biex ma jinqabdux it-tnejn.  Igifieri jinqabad l-imputat. Daniel minn dejjem kien ma jafdax.  L-imputat qal li kien lest li jixhed anki quddiemu dwar ta' Paceville imma fuq il-hold up ma jarax ghaliex ghandu ghalfejn .  Hu ikkoopera hafna mal-pulizija, qabel li kien komplici fis-serqa.

**Nadine Lia** xehdet bil-lingwa Ingliza fit-8 ta' Marzu 2018 li xehdet in succint li fl-5 ta` Ottubru, kien il-Hamis, kienet hdejn Diamonds International, Tigne Point. In- nies bdew jigru u jghajtu Hold-up u hi cemplet lill-Pulizija.  Hi iddeskriviet dak li kienet qed tara lill-Pulizija imma hi kull ma setghet tara black silhouettes.  Semghet il-hoss ta` hgieg jinkiser. Hi rat persuna wahda bil-wieqfa izda ukoll il-hoss ta` hgieg jinkiser. Hi marret fuq iz-zewg vittmi. Wiehed minnhom beda

jghid I have been shot u kellu l-qalziet imnizzel. U kellu d-demm fuq siequ x-xellugija.Beda ukoll jghid my arm.  Kien hemm ukoll ragel anzjan li kellu shock kbir fuqu.  Fil-hanut kul bicca hgieg li kien hemm kien imkisser.  Hi ma rathomx jigru 'il barra ghax kienet marret il-shopping mall. Kienu xi l-10.00 am.

**Paul Fenech** xehed bil-lingwa Ingliza fil- 8 ta' Marzu 2018 li hu is-sid u managing director ta' Diamonds International u Classic Jewellers. Rigwardanti l-involviment tieghu fil-kaz li sehh fil-5 ta' Ottubru 2017 hu kien id-dar f'xi 10.00 am meta Dr Frances Galea Salamone cempillu u qallu li kien hemm  hold up go Diamonds International Tigne'.  Meta wasal il-hanut kien hemm diga l-Pulizijja u kien hemm il-hgieg kullimkien. Hu sofra zewg tipi ta' danni.  Kien hemm gojjelli neqsin u hafna danni. Ezebixxa Dok PF1 stima tal-gojjelli misruqa b' total ta' tlett mija u tlieta u tettin elf, erba' mija u disgh' u disghin euro u disgha u tletin centezmu (333,499.39). Dan hu cost.  Biex jissewwew il-fitting,s furniture u marble kellu stima ta' erba' u hamsin elf , sitt mija u tmintax il-euro u seba, u tletin centezmu (54,618.37).Ma irkupraw xejn.

In kontro-ezami ta dettalji dwar il-codes fid-dokument. Intalab jipprezenta dokumenti dwar l-istock taking li wassal ghall-lista Dok PF1.  Huma diga thallsu mill-insurance tlett mitt elf (300,000) u l-ammont ta' disgha u tmenin (89) ser jithallsu ukoll.

Fil- 13 ta' Gunju 2018 ezebixxa Dok PF2 final form of acceptance. Dan jirrigwarda l-istock. Gie konstatat li dan ix-xhud mhux il-persuna idoneja sabiex tixhed dwar stock control. Fit- 12 ta' Awissu 2020 Ezebixxa Dok PFX.

**Simone Cappillone** xehed bil-lingwa Ingliza fil- 8 ta' Marzu 2018 li jahdem mal-GSS go Tigne Point. Kienu xi 10.00 am f' bidu ta' Ottubru 2017. Hu kien fit-tarag li hemm hdejn il-lift fil-Pjazza Tigne Point u cempillu security Rastislav Pincir li kien fil-pjazza fuq li qallu li kien hemm serqa Diamond International. Dan it-tarag jizbokka fil-pjazza faccata il-genb ta Diamonds International. Ra xi nies jigru quddiemu u laqtuh fuq wara ta' rashu. Kien hemm tnejn. Ittiehed Sptar Mater Dei. Kellu ferita ta' xi erba' centimetric (4cm). Ghadha tugah sa llum. Ma jistax jaghti deskrizzjoni dettaljata ta' min laqtu. Kienu sejrin mill-hanut lejn il-livell -1. Wiehed kellu senter u l-iehor pistola. Jahseb li laqtu minn kellu s-senter.

Ikkonferma li weggha ghax xi hadd laqtghu minn wara.

**L-Ispettur Saviour Baldacchino** xehed fi-17 ta' April 2018 li fil-lejl bejn il-12 u 13 ta' Ottubru 2017 sehh incident San Giljan fi Pjazza San-Gorg fejn gie mmanetjat Daniel Muka .Kien hemm prezenti ukoll l-Imputat li gharaf fl-awla.

**PS 1314 Raymond Ambrogio** xehed fis-17 ta' April 2018 li fil-5 ta Ottubru 2017 fil-10.00am kien mar Tigne Point Sliema Diamonds International u ezebixxa DOk RA Current incident report redatt minnu. Dak il-hin ra hafna hgieg mal-art u security qed jiddewwa u giet ambulanza ghalih.

**PC 729 Kevin Matthew Decelis** xehed fis-17 ta' April 2018 li fil-5 ta' Ottubru 2017 ftit minuti qabel 10.00am kien mar Tigne Point Sliema Diamonds Internatinal jippreserva sakemm jigu l-esperti. Il-vetrini kienu kollha imkissrin.

**PC 1592 Daniel Busuttil** xehed fis-17 ta' April 2018 li fil-5 ta' Ottubru 2017 10.00am kienet saret hold-up Tigne Point Sliema Diamonds International u hu kien ordnat imur jinvestiga vettura go Triq il-Madonna ta' l-Gebla Il-Gzira . Kienet Suzuki Alto KAK 953 mitluqa fin-nofs tat-triq. Fuq il-post sab ukoll lil Nicholas Calleja. Kif ukoll pulizija ohra. Il-karozza kellha xi dmija. Bdew jahdmu fuqha tal-forensika. Ikkonferma l-update li ghamel hu fid-dok RA.

**WPC 355 Elisa Valente** xehdet fis-17 ta' April 2018 li hi kienet ghamlet zewg updates tad-dok RA fuq istruzzjonijet tal-Ispettur Marc Mercieca.

**Karen Cremona** xehdet fis-17 ta'April 2018 li dwar il-kirja ta' zewg vetturi u ezebiet Dok KC1 u KC2 dwar l-istess.

**Jonathan Tabone** xehed fis-17 ta' April 2018 li hu Operations Manager il-Virtu Ferries xehed fuq Dok JG6 u a fol 60 sa fol 62 tal-process 480/17 li kienu korrispondenza mal-pulizija dwar vettura BJ 460 BZ passiggier Bektash Muka. Hu ikkonferma riprodott id-dok JT li mhux in atti.

**L-Ispettur James Grech** xehed fis-17 ta' April 2018 ezebixxa update tal-informazzjoni mitluba lil Virtu Ferries datat 2 ta' Novembru 2017 Dok JT. Jigi rilevat li dan id-dokument mhux in-atti. Qal lli din kienet korrispondenza bejn Virtu Ferries. Informazzjoni fuq Daniel Muka u Haisa Ramazan, BMW AA 460 Cc u Renault Laguna AA 579 LU.

Rega xehed fit-13 ta' Gunju 2018. Xehed kif fit-12 ta' Ottubru 2017 kien hemm persuni ta' nazzjonalita' Albaniza li setghu kienu involuti

fil-hold-up de quo u li kienu jikru flat Summer house Empire Stadium Street Gzira. Infatti jirrizulta mikri minn Grants fejn tkellmu ma` George Spiteri ID 609855 M. Il-flat irrizulta abbandunat u li kien gie mikri lil Albaniz kunjomu Muka. Artan Coku l-imputat prezenti fl-awla kien kera flat 76 High End, Edgar Bernard Street Il-Gzira. L-inkjesta giet esiza fis-zewg fondi u saru kostatazzjonijet mill-membri tal-forensics u xi esperti.   Bdew jinvestigaw il-rwol ta' Artan Coku. Hu ma kienx involut fl-investigazzjoni tieghu.  Ezebixxa Dok JT2 korrispondenza mal-Virtu ferries.

**George Spiteri** xehed fis-17 ta' April 18 li kien direttur ta' kumpanija tal-propjeta' jisimha Grands u saret referenza ghall-Dok JG8 u JG 9 a fol 64 sa 74 tal-Process 480/17 Fotokopja ta' passaport ta' Daniel Muka u kuntratt ta' kiri bejn il-Grands u Daniel Muka ta' flat Summer House Empire Stadium Street Gzira.  Minn 8 ta' Novembru 2016 sa Novembru 2017.  Kien hemm ukoll appartament iehor mikri lil Artan Coku; 76 High End Buildings Edgar Bernard Street Gzira li inkera mis-6 ta' Settembru 2017 sat- 8 ta' Settembru 2018.  Iz-zewg appartamenti kienu ilhom vojta.

**Ray Coppini** xehed in succint fit-tlettax ta' Gunju 2018 in rappresentanza tal-kumpanija W and J Coppini. Gie muri Dok MM5 a fol 25 et seq. u spjega li l-Pulizija kienu baghtu request for information fost nies ohra dwar Artan Coku. Irrizulta li dan kien ircieva three hundred fifty nine minghand Ramazan Haisa fit-2 ta` Awissu 2017. Fl-10 ta' Ottubru 2017 ircieva sebgha mija u wiehed punt sixty two cents minghand 2 ta' Awissu 2017 minghand Ramazan Haisa disgha mijia u disgha u hamsin.  Dawn id-dokumenti iffirmati minnhu stess.

**Dr Marisa Mifsub** xehdet fit-tlettax ta' Gunju 2018 li irtirat Dok MM u regghet ritornatu fejn giet inkarigata fis-17 ta' April 2018 sabiex

taghmel traduzzjoni mill-lingwa Maltija ghal din Ingliza.  Din it-Traduzzjoni mhux in atti.

**Spettur Carlos Cordina** fit- 2 ta' Ottubru 2018 xehed dwar l-involviment tieghu dwar il-kaz in desamina.

**Ps 90 Jeffrey Gerada** fit-2 ta' Ottubru 2018xehed dwar l-involviment tieghu fil-kaz in desamina.

**Doris Serpina Sciberras** fit- 2 ta' Ottubru 2018 ezebiet taht gurament il-Proces Verbal.

**Yanica Grixti** fis-6 ta' Novembru 2018 da parti ta` Grants Real Estate li kkonfermat dettalji dwar il-kirja kontenuti fid-dok MM9 a fol 42 tal process.

**Dr Marisa Cassar** fil-20 ta' Frar 2019 ezebiet ir-rapport taghha Dok MC

**Il-Perit Richard Aquilina** fil-20 ta'Frar 2019 li kkonferma r-rapport tieghu Dok RA fol 883 ezebit fl-istadju tal-inkjesta.

**PC 1491 Kurt Attard ezebixxa** Dok KA1 ir-rapport tieghu fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2019.

**PC 959 Daniel Formosa u PS 336 Francesco Imbroll** ezebiew DF ir-rapport taghhom fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2019.

**WPC Caroline Meilak u PC 302 Bryan Alkan** xehdu fit- 30 ta' April 2019 u 12 ta'Novembru 2019 u ezebew ir rapport taghhom DOK BA1 u Dok CM 1 u CM2

**Ex PS 659 Jeffrey Hughes** ezebixxa ir-rapporti Dok JH1 sa JH6.

**Ex PS 602 Jonathan Attard** ezebixxa rapport Dok JA

**PC 406 Sean Micallef u WPC 369 Stephanie Cassar** fil-21 ta' Novembru 2019 ezebew ir-rapport taghhom DOK SC

**Dr Mark Spiteri** fil-21 ta' Novembru 2019 ezebixxa ir-rapporti tieghu Dok MS1 sa MS4

**Dr Martin Bajada** fl-20 ta' Jannar 2020 ezebixxa ir-rapport Dok MB

**Dr John Mallia** fil-23 ta' Settembru 2020 ezebixxa ir-rapport tieghu Dok JM

**Stephen Petroni** fis-27 ta` Ottubru 2020 ezebixxa r-rapport tieghu Dok SP.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u stante din id-dikjarazzjoni l-Qorti issib l-imputat hati tal-imputazzjonijejt kollha mibgjuba fil-konfront tieghu.

Illi tramite l-istqarrijiet tieghu l-imputat kien eventwalment ikkoopera mal-prosekuzzjoni.

Illi l-Qorti trid tiehu in-konsiderazzjoni ukoll in-natura tal-istess reati li huma minn l-istess natura taghhom serji. Ukoll kien hemm danni kbar u ammont kbir ta' merkanzija li ittiehdet waqt is-sinistru. Jigi ukoll issottolinjat li l-ispejjez tal-esperti nominati kien ammont sostanzjali.

Fil-fatt fl-atti jirrizultaw hekk:

| | |
|---|---|
| | Euro |
| Perit Richard Aquilina | 849.80 |
| Dr Marisa Cassar | 36,079.68 |
| PC Kurt Attard | 519.81 |
| PC Daniel Formosa u Ps336 Francesco | |
| Imbroll | 1,215.82 |
| WPC 363 Caroline Meilak u | |
| PC 302 Bryan Alker | 1,227.55 |
| U | 830.40 |
| PC 406 Sean Micallef u | |
| WPC 369 Stephanie Cassar | 530.10 |
| Ex PS Jeffrey Hughes | 23.30 |
| | 52.62 |
| | 215.14 |

| | |
|---|---|
| Martin Bajada | 1,866.52 |
| Stephen Petroni | 53.10 |
| Total | 43,463.84 |

Il-Qorti tikkonsidra li, fic-cirkostanzi, il-partecipazzjoni tal-imputat iwassal li sabiex li ghandu jkun responsabbli ta’ terz minn dan l-ammont ta’ Euro tlieta u erbghin elf erba’, mija u tlieta u sittin euro u erba’ u tmenin centezmu (€43,463.84) u cioe, erbatghax-il elf erba’ mija u sebgha u tmenin euro u hamsa u disghin centezmu (€14,487.95).

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta’ erba’ snin (4) u l- hlas ta’ Euro €14, 487.95. Mill-piena karcerarja, ghandu jitnaqqas iz-zmien illi ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma` din il-kawza odjerna.

Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace

Doris Serpina Sciberras

Deputat Registratur